FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

26 ta' April 2011

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tas-Sitta u Hamsin (56) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-Sitta u Hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 7 ta' April 2011 fil-5.30pm.**

Is-sitta u hamsin (56) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Zjara tal-Banda ta' Macerata fil-Floriana
6. Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura
7. Isle of MTV 2011
8. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2011
9. Għazla tal-Premjijet : Premju ghaz-Zgħazagħ "Mario Muscat"
   Premju ghat-Tfal "Trofew Marcelle Holland"
   Premju ir-Resident tas-Sena "Premju Anthony Piscopo"
   Premju għall-Kuraġġ "Qalb ta' Ljun"
   Premju l-Ufficjal tas-Sena
10. Bye-Law dwar Attivitajiet fil-Beraħ
11. Għazla tal-Offerti :
    KLF/T/01/11 – Kiri tal-Gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V
    KLF/T/02/11 – Drittijiet Esklussivi ghal bejgh ta' Ikel u Xorb waqt il-Festival Nazzonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2011
    KLF/T/03/11 – Akkomodazzjoni ghall-mistednin
    KLF/Q/04/11 – Provvista u Twahhil ta' Pannelli Informattivi bil-Mappa tal-Lokalita'
    KLF/Q/05/11 – Provvista ta' Servizz ta' Librar/Arkivista
    KLF/Q/06/11 – Provvista ta' Sawnd u Dawl fil-Festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
    KLF/Q/07/11 – Restawr ta' zewg *fireplaces*
12. Cirkli tal-annimali fil-Floriana
13. Festa ta' San Patrizju f'Balzunetta
14. Skema ta' Parkegg Residenzjali
15. Jum Floriana
16. Direttorju Kummercjali tal-Floriana
17. Ħwejjeg Oħra
18. Aġġornament tal-laqgħa

Ghas-Sitta u Hamsin (56) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat assistit mill-iskrivana Emmanie Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-hamsa u hamsin (55) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq korrezzjoni ta' materja nru. 2.11 li ghandha taqra "Il-kunsillier Edward Torpiano ammetta li kien jaf li nhargu aktar minn zewg affarijiet izda sar jaf li nhargu hafna iktar mil-limitu t'oggetti stipulat wara li mar fuq il-post mal-kuntrattur fejn imbaghad kien talab lill-istess kuntrattur jigborhom. Is-Sindku Nigel Holland sostna li f'kaz li l-kuntrattur thallas ghal aktar minn kollezzjoni wahda, ghandhom jigu rifonduti l-hlas tal-kollezzjonijiet l-ohrajn li ma kienux awtorizzati."

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 bil-korrezzjoni msemmija f'1.2 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghas-servizz tal-bulky refuse li joffri l-Kunsill lir-residenti u ppropona li ghandha tintbaghat cirkolari lill-istess residenti fejn jigi spjegat fid-dettall kif inhi l-procedura, kull meta jigi offrut is-servizz u li jingabru biss zewgt affarijiet kull kollezzjoni. Huwa zied jghid ukoll li kien gie avvicinat minn xi residenti li lmentaw li f'kaz ta' oggett imkisser jew maqsum, dan ma kienx qed jingabar bhala oggett wiehed izda kien qed jingabar skond f'kemm il-bicca jkun maqsum. Ghalhekk is-Sindku ppropona li l-Kunsill ghandu jibda' jqis haga wahda, anke jekk imkissra f'bicciet, bhala oggett wiehed dan minhabba kwistjoni kemm ta' finanzi kif ukoll ta' pratticita'. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jibda' jiehu azzjoni legali kontra kull min johrog l-affarijiet barra minghajr ma jkunu tnizzlu ghall-kollezzjoni sabiex jigu evitati l-abbuzi.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla jghid li kien hemm xi ilmenti dwar is-servizz ta' gbir ta' skart minhabba li hafna affarijiet zghar ta' natura domestika ma kienux qed jingabru mill-kuntrattur ta' gbir ta' skart domestiku u kienu qed jithallew fit-triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma bil-miktub lill-kuntrattur tal-gbir ta' skart li affarijiet li m'humiex ta' kobor ghandhom jingabru mal-iskart kif inhu suppost.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien hemm xi kazijiet fejn xi kunsilliera taw struzzjonijiet lill-gwardjani lokali biex iharrku fi Triq Sant'Anna. Huwa fakkar fid-decizjoni mehuda mill-Kunsill li jinghataw struzzjonijiet lill-gwardjani lokali biex ma jinhargux citazzjonijiet f'din it-triq u zied jghid ukoll li hadd mill-Kunsill ma kellu l-jedd jikkuntattja lill-kumpanija tal-gwardjani hlief is-Sindku u l-kunsillier responsabbli mill-Gwardjani Lokali u s-Segretarju Ezekuttiv.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn xi individwi li nformawh li kien hemm xi hadd li kien qed icaqlaq il-planters min-naha ghall-ohra ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana. Il-Kunsill ghandu jivverifika dan l-ilment u jerga' jpoggi l-planters kif kienu qabel.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn informaw li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghal rigenerazzjoni fl-oqsma tal-binjiet tal-Gvern kienet giet milqugha u li ser tkun implimentata fis-sena 2012.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand TCTC fejn offrew lill-Kunsill l-opportunita' li joffri zewg korsijiet bl-isem ta' LEARN IT u LEARN WEB li jolqtu kemm lit-tfal kif ukoll lill-kbar. Il-Kunsill approva li ghal darb'ohra jtella' dawn il-korsijiet tal-kompjuter.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Amy Bajada fejn offriet lill-Kunsill li torganizza korsijiet ta' *jewellery making* fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkonsidra din l-offerta' meta jkun lest ix-xoghol fis-sular ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment rigward is-sitwazzjoni fi Triq San Tumas li filghaxija qed

tkun imblukkata minn karozzi ta' ġenituri li jkunu qed jistennew lit-tfal tagħhom ħerġin mill-Alliance Francaise. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat gwardjan lokali fil-ħiem li ġejjin biex tittieħed azzjoni kontra karozzi pparkjati b'mod illegali.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mingħand The Scout Association of Malta fejn talbu permess lill-Kunsill biex bħas-snin imgħoddija, jagħmlu użu mill-Fosos nhar il-Ħadd 10 t'April 2011. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mingħand il-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita' fejn talbu l-Kunsill jipprovdi żieda ta' parkeġġi riservati għall-pazjenti tal-isptar Sir Paul Boffa. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba minħabba li fil-preżent m'huwiex f'pożizzjoni li jitlef iktar spazji ta' parkeġġ għall-pubbliku u anke peress li l-Kunsill diġa alloka 10 postijiet għall-użu tal-pazjenti tal-iSptar Boffa.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland informa bil-laqgħa li l-Kunsill kellu mas-Sur Chris Paris rigward is-sistema l-ġdida ta' trasport pubbliku. Is-Sindku nforma wkoll li wara li l-Kunsill kien ssottometta l-veduti tiegħu dwar il-parkeġġ, s-Sur Chris Paris informa lis-Sindku u l-MEPA talbithom jagħmlu pjanti ġodda li juru kif dan l-parkeġġ jista' eventwalment jilqa' fuqu stand għall-istadium maħsub mill-Floriana FC u l-MFA. Is-Sindku sostna li bis-saħħa tal-Kunsill Lokali, issa ser ikun hemm proposta bil-miktub u parti mill-applikazzjoni tal-parkeġġ li dan il-parkeġġ mhux ser jikkomprometti l-eventwali proġett tal-istand tal-grawnd tal-futbol.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mingħand Traffic Management Unit fejn informaw lill-Kunsill li m'hemmx access għall-biċċa triq li hemm bejn Triq San Publju u Triq l-Isqof Mauro Caruana peress li hemm sinjal ta' *No entry* fuq żewġ naħat. Il-Kunsillier Vincent Borg wieġeb li din is-sitwazzjoni kienet ġiet irranġata u issa kien hemm access għal din it-triq.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Bank of Valletta informahom li joffri servizz ta' direct credit li minnu għandu jibda' jagħmel użu l-Kunsill fil-każ tal-pagi tal-impjegati wara struzzjoni mid-Dipartiment biex ma jibqax isir użu ta' Internet Banking biex isiru transfers. Wara proposta mressqa mill-Viċi-Sindku Franco Davies, u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittieħed vot favur l-adozzjoni ta' din is-sistema, bir-riżultat kien:

Favur: 5 (FD, VB, NH, SHH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

2.14 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-permess għax-xogħol fuq in-niċċa tal-Kurċifiss kien ħareġ u li l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu kienet afdat ir-responsabbilta' ta' dan il-proġett f'idejn il-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill kien ser ikollu joħroġ sejħiet għall-offerti u kwotazzjonijiet sabiex jitlesta dan ix-xogħol filwaqt li l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu kienet ser tgħaddi l-fondi wara li jsir ix-xogħol. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mingħand l-Uffiċċju Parrokkjali fejn offrew lill-Kunsill spazju għal riklam fil-ktieb tal-festa li joħroġ ta' kull sena għall-ammont ta' €600. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jaċċetta din l-offerta' u qabel li għandu jinforma lill-Uffiċċju Parrokkjali li kien lest iħallas massimu ta' €326 minħabba li l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għal din is-sena kienet naqset u mhux żdiedet u għalhekk il-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jżid fl-ispejjeż.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mingħand Dr Joseph Buhagiar fejn bħala kuratur tal-Ġnien tal-Argotti talab li jingħata permess speċjali taħt l-iskema ta' parkeġġ residenzjali. Il-Kunsill ma laqax din it-talba minħabba li skond l-iskema tal-lokalita' dawk li huma eliġibbli għall-permess residenzjali huma biss ir-residenti, sidien ta' negozji fil-lokalita' u dixxendenti ta' residenti li għandhom 'il fuq minn sittin sena.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba tal-impjegati tal-Kunsill biex l-uffiċċju jiġi maqsum f'partitions għal żieda fis-sigurta' u l-pubbliku jinqeda minn wara l-ħġieġ tal-*partition*. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

2.18 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s-Sur Toni Xuereb li ghandu r-residenza tieghu tmiss ma' dik tal-Kunsill, kien informa lill-Kunsill li kienu hargu xi konsenturi fil-proprjeta' tieghu u talab li l-Kunsill jirrangahom hu minhabba li dawn zviluppaw minn xoghlijiet li saru fil-bini tal-Kunsill jew inkella l-Kunsill jitlob lill-Gvern biex dawn jigu rrangati. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-Housing Authority b'dan l-ilment sabiex tittiehed azzjoni u jigu rrangati dawn il-konsenturi. Il-Kunsill qabel li f'kaz li l-Awtorita' tad-Djar ma taccettax li jirrangaw dawn il-konsenturi, l-Kunsill ghandu jivverifika mal-perit li jekk jikkonferma li dawn hargu minhabba xoghol fil-bini tal-Kunsill, il-Kunsill ikollu jirrangahom ghas-spejjez tal-Kunsill.

2.19 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-proposta tas-Segretarju Ezekuttiv li jsir half-day seminar bejn il-kunsilliera u l-istaff fuq bazi annwali u li ghalih jigi mistieden xi speaker li jitkellem fuq xi qasam partikolari. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li dan is-seminar huwa intiz biex jissahhu r-relazzjonijiet bejn l-impjegati u l-kunsilliera u biex jissahhu t-teamwork skills ta' kull wiehed. Il-Kunsill approva.

2.20 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand Koptasin ghall-installazzjoni ta' crash barrier fi Triq San Frangisk, total ta' €360. Il-Kunsill approva.

2.21 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s-Sur Ralph Gunnar Pottag kien talab *no objection* mill-Kunsill biex jarma *food stall* fil-*carpark* ta' hdejn il-Fosos. Il-Kunsill approva li johrog *no objection* b'dawn il-kundizzjonijiet; li l-applikant irid jimxi skond ir-regoli ta' *street hawker*, li l-permess mhux validu waqt attivitajiet pubblici organizzati minn kumpaniji jew mill-Kunsill u li l-Kunsill jista' jittermina dan il-permess meta jidhirlu xieraq.

2.22 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bi proposta li jigi kkuntattjat il-*crew* ta' Deceduti biex jiehdu sehem fl-attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea u qabel li ghandu jikkuntattjahom mill-aktar fis possibli. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tissejjah laqgha tas-sotto-kumitat organizzattiv Celebrazzjoni ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna fil-jiem li gejjin biex jibdew jigu diskussi dettalji relatati ma' din l-attivita'.
.
2.23 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Electro Waste Malta Ltd. fejn talbu li jiltaqghu mal-Kunsill biex jitkellmu dwar gbir ta' skart u riciklagg. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' maghhom il-kunsillier responsabbli mill-ambjent u l-indafa pubblika.

2.24 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand kumpanija barranija b'isem ta' BLIFA fejn talbu invit ufficcjali mill-Kunsill Lokali ghall-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel ir-ricerka tieghu fuq din il-kumpanija qabel ma tittiehed decizjoni.

2.25 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Surmast tal-Kullegg San Gorg Preca fejn offrew lill-Kunsill jipprovdi t-trasport ghall-genituri tal-istudenti tal-kullegg ghall-Fun Day tal-istudenti u biex jipprovdi t-trasport lill-istudenti ghal zjara f'Ghawdex u biex jipprezenta midalji tal-Fun Day. Il-Kunsill accetta li jorganizza l-prezentazzjoni tal-midalji tal-Fun Day u li jorganizza t-trasport ghat-tfal ghaz-zjara f'Ghawdex, izda ma laqax l-offerta' biex jiehu hsieb it-trasport ghall-genituri.

2.26 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Ruth Frau fejn talbet il-permess tal-Kunsill biex jigi organizzat luna park fil-parking area ta' hdejn il-Fosos matul ix-xahar ta' Gunju. Il-Kunsill approva li jaghti n-no objection bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

2.27 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Foundation for Human Resources Development fejn informaw lill-Kunsill b'kors li qed iniedu. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat cirkolari lill-ghaqdiet biex jara hemmx interess fost il-membri taghhom li jsir dan it-tahrig u qabel li f'kaz li jkun hemm xi hadd interessat, il-Kunsill jiffinanzja spiza ta' mhux aktar minn €500 fis-sena.

2.28 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sinjorina Loretta Valletta fejn talbet permess lill-Kunsill biex tigi organizzata Gay Pride Parade f'Gunju. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li johrog in-no objection izda fir-rigward tal-permess dawn ghandhom jottjenu l-permessi necessarji minghand il-korp tal-Pulizija that il-Public Meeting Ordinance. Il-Kunsill ghandu jirriserva d-dritt li jigi kkonsultat dwar l-gheluq ta' toroq li jkunu ser isiru sabiex tinzamm din l-attivita'.

2.29 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien hemm applikazzjoni biex tinfetah *motoring school* fi Triq San Frangisk. Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jivverifika l-post qabel ma jaghti l-kummenti tieghu sabiex il-Kunsill jissottometti l-kummenti lill-MEPA.

2.30 Is-Sindku Nigel Holland fakkar ukoll fid-decizjoni li ttiehdet mill-Kunsill biex isiru xi bankijiet fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, fil-passagg ta' magenb il-picc sintetiku. Huwa zied jipproponi li minhabba d-dislivell li hemm f'din il-parti, hemm bzonn li jsir ukoll railing fil-parti gholja biex jigu evitati incidenti. Il-Kunsill approva.

2.31 Is-Sindku Nigel Holland ippropona biex il-Kunsill jiehu hsieb il-pubblikazzjoni ta' DVD/CD tad-dokumentarju fuq il-Floriana F.C. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg issekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni ta' din l-offerta', bir-rizultat kien:

Favur: 4 (FD, VB, NH, SHH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (ET)

## <u>3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-korrispondenza li rcieva l-Kunsill minghand il-Floriana Senior Citizens u saqsa x'kien gara rigward dan. Is-Sindku informa li l-Kunsill kien wiegeb din l-ittra u li kienu saru wkoll diversi laqghat mal-Floriana Senior Citizens.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-Memo Interna mibghuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward il-festini u r-ricevimenti organizzati mill-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li ghalkemm il-memo m'hiex daqstant cara, il-ligi tippermetti li jigi organizzat riceviment wiehed biss f'sena.

3.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili fakkret lis-Sindku Nigel Holland rigward il-messagg tal-Greenpak.

3.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet jekk it-tnehhija ta' haxix hazin u tal-qtugh tas-sigar minn hdejn il-Polverista humiex inkluzi fil-kuntratt tat-tindif tat-toroq. Is-Sindku wiegeb li dawn ma kienux parti mill-kuntratt u ghalhekk il-Kunsill kellu bzonn jitlob dawn is-servizzi separatament.

<u>**Nota: 19:20 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**</u>

## <u>4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **50-05 A, B, C** , li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 9466 sa 9496.

4.3 Il-Kunsill qabel li c-cekk bin-nru. 9494 f'isem Karl De Flavia ghandu jinzamm sakemm jigi approvat ix-xoghol li sar fid-day centre tal-Floriana Senior Citizens mill-perit tal-Kunsill.

4.5 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9411 sa 9496, bir-rizultat:

Favur: 4 (SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 19:25 Is-Sindku Nigel Holland rritorna ghal-laqgha.**

## 5. Zjara tal-Banda ta' Macerata fil-Floriana

5.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi fakkar lill-Kunsill li din iz-zjara ser tigi kofinanzjata minn fondi mill-Unjoni Ewropea.

5.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla li sfortunatament ma kenitx gejja l-banda fl-intier taghha u lanqas setghu jaghmlu l-ammont ta' granet mahsuba fl-applikazzjoni tal-progett. Ghaldaqstant, is-somma moghtija mill-Unjoni Ewropea tkun hafna anqas ghaliex din tinghata skont l-ammont ta' granet u skont l-ammont ta' partecipanti li jigu minn barra l-pajjiz u jiehdu sehem fil-programm tal-attivitajiet.

5.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla li diga' saret laqgha tas-Sotto-kumitat tar-Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali li matulha gew diskussi d-dettalji ghaz-zjara tal-banda ta' Macerata f'Malta u li matulha kien anke nholoq programm ghall-hamest ijiem li ser tqatta din il-banda f'pajjizna.

**Nota: 19:25 Il-Kunsill qabel li l-laqgha ghandha tigi sospiza u talab lis-Sur Conrad Cutajar jispjega x'gie diskuss fil-laqgha tas-sotto-kumitat u jinforma lill-Kunsill bl-izvolgimenti li kien hemm.**

**19:35 Is-sitta u hamsin laqgha tal-Kunsill tkompliet.**

## 6. Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura

6.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-abbozz tar-rapport (anness) li ser jigi propost u sottomess ghall-progett ta' Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura. Huwa stieden lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega fuq fuq f'hiex kien jikkonsisti dan ir-rapport.

6.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega li f'dan ir-rapport qed jigi ppropost li jissahhah il-Floriana Heritage Trail billi jigu riabilitati postijiet bhal Polverista, jigu introdotti mezzi ta' komunikazzjoni moderni quddiem kull sit sabiex jaghtu informazzjoni fuq dak is-sit in kwistjoni, jsir progett ta' centru rikreattiv u zona ta' picnics ghall-familji gewwa l-Jubilee Grove Gardens, u numru ta' inizjattivi ohrajn. Il-Kunsill approva dan l-abbozz li ghandu jigi pprezentat lil kumitat organizzattiv tal-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura.

## 7. Isle of MTV 2011

7.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-laqgha li ser issir mar-residenti fir-rigward tal-kuncert Isle of MTV li matulha ser jigu diskussi l-problemi li jinholqu ta' kull sena matul dan il-kuncert. Huwa kompla jghid li l-entitajiet ikkoncernati ser jigu nkoragguti jghaddu l-kummenti u l-hsibijiet taghhom biex tipprova tinstab soluzzjoni ghal dawn il-problemi.

7.2 Is-Sindku kompla jghid ukoll li l-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu kienet talbet lill-Kunsill jipprovdi pjanta tat-toroq li fuqha jigu indikati t-toroq li ser jinghalqu matul din l-attivita' sabiex l-flow tan-nies tigi indirizzata lejn zoni mhux daqstant residenzjali li jkunu ssorveljati mill-Pulizija u l-gwardjani lokali.

## 8. Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2011

8.1 Is-Sindku Nigel Holland beda billi qal li l-preparamenti ghal din l-edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat kienu sejrin tajjeb u z-zmien kien qed joqrob.

8.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ppropona li l-Kunsill iqassam xi flyers bhala pubblicita' ghall-festival matul il-festival tal-loghob tan-nar tal-ajru li ser jittella' dalwaqt. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea.

8.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi nforma lill-Kunsill bl-avviz legali mahrug fil-jiem li ghaddew fejn gie pprojbit il-bejgh ta' alkohol minn kiosks u matul attivitajiet. Dan kien ser johloq problema minhabba li l-Kunsill kien diga hareg sejha ghall-offerti ghall-esklussivita' ta' bejgh ta' ikel u xorb matul il-festival. Il-Kunsill qabel li ghandu jiftah is-sejhiet ghall-offerti sottomessi xorta wahda u jigi deciz wara f'kaz li jkun hemm bzonn ta' revizjoni.

**19:45 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**
**19:48 Il-Kunsillier Edward Torpiano rritorna ghal-laqgha.**

## 9. Għazla tal-Premjijet :

### Premju ghaz-Zgħazagħ "Mario Muscat"

Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ppproponiet li l-premju jinghata lis-Sinjorina Jessica Micallef, issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, minhabba li s-Sinjorina Micallef ser tirraprezenta lill-Malta f'kompetizzjoni internazzjonali tal-immudellar fil-Germanja.

Is-Sindku Nigel Holland flimkien mal-Vici-Sindku Franco Davies u l-Kunsillier Edward Torpiano ppproponew lis-Sinjorina Elisa Saliba fuq maggoranza ta' nominazzjonijiet mill-ghaqdiet.

Il-Kunsill ghalhekk qabel li l-premju taz-zghazagh « Mario Muscat » ghandu jinghata lis-Sinjorina Elisa Saliba.

### Premju ghat-Tfal "Trofew Marcelle Holland"

Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ppproponiet li l-premju jinghata lis-Sinjorina Mariah Attard, issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, minhabba li s-Sinjorina Attard taghmel parti mill-eko-skola u dejjem kienet tifla ezemplari fejn tidhol l-indafa.

Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-premju jinghata lill-grupp tal-abbatini zghar fuq maggoranza ta' nominazzjonijiet mill-ghaqdiet.

Il-Kunsillier Edward Torpiano, flimkien mal-Vici-Sindku Franco Davies u s-Sindku Nigel Holland ippproponew lis-Sinjorina Jade Schembri.

Il-Kunsill ghalhekk qabel li l-premju ghat-tfal « Trofew Marcelle Holland » ghandu jinghata lis-Sinjorina Jade Schembri.

### Premju ir-Resident tas-Sena "Premju Anthony Piscopo"

Il-Vici-Sindku Franco Davies propona li l-premju jinghata lis-Sinjura Doris Camilleri, flimkien mal-Kunsilliera Vincent Borg, Sandra Sammut Hili u Edward Torpiano.

Is-Sindku Nigel Holland ippropona lill-grupp ta' katekisti bniet fuq maggoranza ta'

nominazzjonijiet mill-ghaqdiet.

Il-Kunsill ghalhekk qabel li l-premju ir-Resident tas-Sena « Premju Anthony Piscopo » ghandu jinghata lis-Sinjura Doris Camilleri.

**<u>Premju għall-Kuraġġ "Qalb ta' Ljun"</u>**

Il-Kunsillier Vince Borg, is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Edward Torpiano pproponew li l-premju jinghata lis-Sinjura Anne Micallef. Il-Vici-Sindku Franco Davies astjena.

Il-Kunsill ghalhekk qabel li l-premju ghall-kuragg « Qalb ta' Ljun » ghandu jinghata lis-Sinjura Anne Micallef.

**<u>Premju l-Ufficjal tas-Sena</u>**

Il-Kunsillier Sandra Sammut Hili ipproponiet li l-premju ufficjal tas-sena ghandu jinghata lil PC 1063, is-Sur Joseph Mizzi ghall-hidma efficjenti li jaghti u ghall-interess kbir li juri fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta b'mod unanimu.

## 10. <u>Bye-Law dwar Attivitajiet fil-Beraħ</u>

10.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li f'laqgha li l-Kunsill kellu mas-Sur Charles Bonello u l-avukata tad-Dipartiment gie infurmata li l-bye-law sottomessa mill-Kunsill ma kenitx qed tigi accettata kif inhi minhabba li l-Gvern Centrali jsostni li din tkun ammissjoni li l-Fosos kienu jaqghu taht ir-responsabbilta' tal-Gvern Lokali.

10.2 Huwa nforma wkoll li l-Ufficcju tal-Prim Ministru kien ippropona li l-bye-law tkun tapplika ghat-toroq ta' madwar il-Fosos. Is-Sindku sostna li l-Kunsill minn dejjem kien responsabbli minn dak li jsir fuq il-Fosos u li bil-Bye-Laws pproposti mill-Kunsill, il-Kunsill kien ser jirregola l-vetturi li jitilghu fuq il-Fosos.

10.3 Il-Kunsill qabel ghalhekk li ghandu jerga jissottometti l-bye-law proposta bl-emendi li gejjin: a) titnehha materja nru 4.0 mill-abbozz tal-bye-law kif issuggeriet mill-Gvern Centrali, b) li l-massimu tal-ammont ma jkunx jeccedi €1000 u mhux €5000 u c) li kull fejn tidher il-kelma "Fosos" fl-abbozz tigi sostitwita bil-frazi "Pjazza San Publju" hlief fil-kaz ta' materja nru 4.5 fejn il-kelma "Fosos" ghandha tibqa' tali.

10.4 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-emendi msemmija f'materja nru 10.3, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, ET, FD, VB, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**<u>Il-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-offerti fejn iddiskuta l-offerti t'hawn taht u ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kunsill.</u>**

## 11. <u>Għazla tal-Offerti :</u>

**<u>11.1 KLF/T/01/11 – Kiri tal-Gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V</u>**

**<u>Nota: 20:35 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.</u>**

11.1.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jigi rregistrat fil-minuti li meta kien gie avvicinat minn wiehed mill-offerenti li saqsieh dwar min kien gabar is-sejha ghall-offerti, huwa wiegbu li ma kienx jaf. Huwa zied jghid ukoll li s-Sur Mark Galea kien lest jixhed li s-Sur Torpiano ma kien qal kontra hadd mill-Kunsill jew mill-impjegati.

11.1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk il-kunsilliera Sandra Sammut Hili li talbet li tkun skuzata mil-laqgha setghetx tibqa' ghad-diskussjoni minkejja li wiehed mill-offerenti huwa neputi taghha. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-ligi tispecifika meta relazzjoni familjari ghandha titqies bhala interess pekunarju fejn izda f'kaz ta' neputi ta' kunsillier mhux mnizzel bhala wiehed tali.

11.1.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg biex tintaghzel l-offerta' ta' Karl de Flavia u Glenn Dalli Hili bil-prezz ta' €12000 fis-sena, fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 3 (FD, VB, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (ET)

**Nota: 20:40 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili rritornat ghal-laqgha.**
**20:40 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

11.1.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li jigi rregistrat fil-minuti li hi qatt ma kienet talbet li titnehha xi klawsola mis-sejha ghall-offerti jew mit-tender u ghalhekk ma kienx gust li kien hemm xi kunsillier/a li mar/ru jghid/u li hi ghamlet hekk. Il-Kunsilliera Sammut Hili wissiet li hija tirriserva d-dritt li tiehu passi legali kontra dak il-kunsillier li mar jigdeb fuqha kif imsemmi hawn fuq.

**Nota: 20:45 Is-Sindku Nigel Holland rritorna ghal-laqgha.**

## 11.2 KLF/T/02/11 – Drittijiet Esklussivi ghal bejgh ta' Ikel u Xorb waqt il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat 2011

11.2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tintaghzel l-offerta' ta' Karl de Flavia fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, SSH, FD, NH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 11.3 KLF/T/03/11 – Akkomodazzjoni ghall-mistednin

11.3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressqet mozzjoni ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg biex tintaghzel l-offerta' ta' Culture3sixty fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-unika offerta' u li r-rati taghha huma ragonevoli, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (SSH, VB, FD, NH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 11.4 KLF/Q/04/11 – Provvista u Twahhil ta' Pannelli Informattivi bil-Mappa

**tal-Lokalita'**

11.4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni ssekondat mill-Vici-Sindku Franco Davies biex tintaghzel l-offerta' ta' Karl de Flavia fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta', bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, FD, SSH, NH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**11.5 KLF/Q/05/11 – Provvista ta' Servizz ta' Librar/Arkivista**

11.5.1 Minhabba li ma kienx hemm offerti, il-Kunsill qabel li ghandu jerga' johrog sejha ghall-offerti.

**11.6 KLF/Q/06/11 – Provvista ta' Sawnd u Dawl fil-Festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat**

11.6.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg biex tintaghzel l-offerta' ta' Twilight fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta', bir-rizultat kien:

Favur: 5 (SSH, VB, FD, NH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

11.6.2 Il-Kunsill iddecieda biex fil-futur din l-offerta ghandha tinhareg b'mod li tkun aktar dettaljati fejn ghandu jitqabbad espert halli jaghmel l-ispecifikazzjonijiet tas-sawnd u dawl necessarju ghall-Festival.

**11.7 KLF/Q/07/11 – Restawr ta' zewg *fireplaces***

**Nota:21:10 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

11.2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano biex tintaghzel l-offerta' ta' Wayne Mallia fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-iktar offerta' vantaggjuza, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, ET, FD, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 12. Cirkli tal-annimali fil-Floriana

12.1 Il-Vici-Sindku Franco Davies fetah id-diskussjoni billi fakkar fid-diversi laqghat li l-Kunsill kellu mal-entitajiet ikkoncernati u zied jghid li issa kien wasal iz-zmien biex il-Kunsill jiehu decizjoni finali anke wara li sar l-istudju tad-dokumenti legaslattivi u ohrajn li gew sottomessi minn kull parti.

12.2 Wara diskussjoni fid-dettal, il-Kunsill qabel li m'ghandux jirrifjuta li jinhargu permessi ghac-cirkli bil-kundizzjonijiet li gejjin: a) dejjem sakemm ma jkunx hemm provi konkreti li qed ikun hemm mohqrija tal-annimali minn spezzjonijiet regolari li jsiru mid-dipartiment tal-Animal Welfare, b) irid jinkiseb permess mill-awtoritajiet governattivi Maltin u c) dejjem jekk ic-cirklu

jittella' skond l-istandards u ligijiet kollha tal-Unjoni Ewropea.

## 13. Festa ta' San Patrizju f'Balzunetta

**Nota: 21:15 Is-Sindku Nigel Holland irritorna ghal-laqgha.**

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ppropona li dakinhar ta' din il-festa, il-Kunsill jiehu hsieb jarma z-zona ta' Balzunetta bi bnadar tal-Irlanda u dekorazzjonijiet ohra biex b'hekk jerga' jirxoxta din il-festa li kienet tigi ccelebrata fis-snin imghoddija.

13.2 Is-Sindku ppropona wkoll li jsir xi re-enactment ta' xi avveniment, bhal per ezempju meta r-regiment Irlandiz kien ta l-kuluri tal-football, isir zfin bil-*gears* l-antiki u xi zfin tradizzjonali Irlandiz. Il-Kunsill approva fil-principju li ssir din l-attivita'.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li javvicina lill-Ambaxxatur Irlandiz biex isiru diskussjonijiet dwar il-possibilta' li l-ambaxxata tghin fl-organizazzjoni ta' din l-attivita'.

**Skont il-provvedimenti tal-ligi, il-Kunsill qabel unanimament biex ix-xoghol tal-laqgha jibqa' ghaddej minkejja li l-hin tal-laqgha qabez it-tlett sighat kif stipulat fil-ligi.**

## 14. Skema ta' Parkegg Residenzjali

14.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn diversi persuni, residenti u haddiema fil-Floriana li lmentaw dwar il-problema kbira ta' parkegg fil-lokalita'.

14.2 Is-Sindku kompla billi saqsa jekk kienx wasal iz-zmien li l-Kunsill jitlob estensjoni fl-iskema ta' parkegg u jizdiedu l-hinijiet jew il-granet tal-iskema. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan minhabba li jhoss li s-sistema ta' parkegg residenzjali prezenti qed toffri bilanc tajjeb u jekk jizdiedu l-hinijiet, kienu ser ibatu r-residenti minhabba li ser tkompli tikkomplika ruhha s-sitwazzjoni ghal min ikun jixtieq izurhom.

## 15. Jum Floriana

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi nforma li kien kellem lil xi familjari tas-Sur Anthony Piscopo li offrew li jsellfu xi xogholijiet tieghu lill-Kunsill biex jigu esposti fid-Dar tal-Kunsill dakinhar ta' Jum il-Floriana.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-motto ghal din l-attivita' ikun "Kulur l-ambjent, il-kulur taghna!". Il-Kunsill qabel.

15.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi fakkar f'dak li gie diskuss qabel li ma jistax jittella' r-riceviment li kien jittella' ta' kull sena f'Jum il-Floriana minhabba li l-Kunsill huwa ristrett b'riceviment wiehed biss fis-sena, li izda minflok ghandha ssir xi haga informali hafna.

15.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li *c-chamber choir* kienu wrew interess ikantaw f'din l-attivita' matul l-inawgurazzjoni tas-sala tad-Dar tal-Kunsill.

## 16. Direttorju Kummercjali tal-Floriana

16.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill johrog direttorju kummercjali tal-Floriana li l-pubblikazzjoni tieghu tghin hafna lis-settur kummercjali. Huwa propona li dan jibda jigi ppublikat kull sena u jitqassam fid-djar. Il-Kunsill qabel fil-principju.

16.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies ippropona li l-Kunsill joffri spazju ghal riklam bl-ispazju apposta li hemm fil-locality panels ghal dawk in-negozji li jkunu nteressati. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat cirkolari lis-sidien ta' negozji fil-Floriana u jinformahom b'din l-offerta' fejn ghal prezz zghir, tkun qed issir pubblicita' kbira lin-negozji tal-lokalita' specjalment mat-turisti li jkunu qed jaghmlu uzu mil-locality panels. Il-Kunsill approva.

## 17. Ħwejjeg Oħra

17.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien talab kwotazzjoni ghat-twahhil ta' sleeping policeman, total ta' €175. Il-Kunsill approva.

17.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet approvazzjoni ghall-hlas tat-trasport f'harga ghal Ghawdex mal-Floriana F.C. Il-Kunsill approva.

17.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ssuggeriet li jsir fanal wiehed bi tnejn fil-Qasam tad-Djar ta' Triq il-Fosos. Il-Kunsill approva u qabel li ghandu tintuza s-sejha tal-offerti li kienet harget ghal dan il-ghan madwar sena ilu.

17.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li fi Triq il-Kapuccini hemm xi tabelli tat-traffiku li ghandhom bzonn jigu rrangati u li hemm tabella fi Pjazza Robert Samut li kienet mghottija u ma kenitx qed tidher sew. Il-Kunsill qabel li l-kunsillier responsabbli mix-xogholijiet tat-toroq ghandu jivverifika u jiehu l-azzjoni necessarja.

17.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ipproponiet li ssir sleeping policeman fit-tarf ta' Triq il-Kapuccini minhabba l-velocita' li jsuqu biha l-karozzi f'din it-triq. Il-Kunsill qabel.

17.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet l-approvazzjoni biex il-Kunsill jiehu hsieb jipprovdi l-medalji ghat-tfal kollha li ser jiehdu sehem fit-tournament li ser jorganizza l-Kunsill fil-Ghid. Il-Kunsill approva.

17.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li dakinhar tal-festa, kien ser ikun hemm loghba tal-kampjonat u t-traffiku kien ser jigi ddevjat miz-zona ta' Balzunetta. Il-Kunsill qabel li ghandu joggezzjona ghal din id-decizjoni u jipproponi lill-Malta Football Association biex tinbidel id-data tal-loghba.

17.8 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill bil-problema li kienet inqalghet fix-xoghol li qed isir fit-toilets tal-Floriana Senior Citizens minhabba li sink minn dawk li kellhom jitwahhlu ma qaghadx kif kien ippjanat min-naha tal-perit. Ghandha ssir laqgha bejn kull parti biex tinstab soluzzjoni u jigi vverifikat ghalfejn gara dan.

## 18. Aġġornament tal-laqgħa

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju fis-2.30pm.

Il-laqgha ntemmet fl-22.05.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv